# M I N U T I

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### LAQGĦA NUMRU 11

12 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fit-8.30am ta' filgħodu u dan skont riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | V/Sindku |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI :-

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kunsillier James Aaron Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| M' Lourdes Lautier | (MLL) | Segretarju Eżekuttiv |

## M I N U T I

Is-Sindku DSH ippresediet din il-laqgħa straordinarja.

### 11.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

11.1.1 Is-Sindku DSH irreferiet għall-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier JAE li permezz tagħha hu talab lill-Kunsill jiġġustifika n-nuqqas tiegħu minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

11.1.2 Is-Sindku rrimarkat u wissiet dwar in-nuqqas t' attendenza ripetuta ta' wħud mill-membri u ġibdet l-attenzjoni għall-Liġi Sussidjarja 363.06 partikolarment għal:-

*Artiklu 11(1) Il-membri tal-Kumitat għandhom jattendu l-laqgħat kollha tal-Kumitat. Il-Kumitat jista' jiddikjara li l-post ikun vakanti jekk membru jonqos milli jattendi għal sitt laqgħat konsekuttivi tal-Kumitat jew jekk b'kollox huwa jattendi għal anqas minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur. Iżda meta n-nuqqas ta' attendenza jkun ġustifikat, is-Segretarju Eżekuttiv, meta jgħarraf lill-Ministru bin-nuqqas tal-membru, għandu wkoll jgħaddilu r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat sabiex huwa ma jiddikjarax dak il-post bħala wieħed vakanti, jekk dan jkun il-każ.*

*Artiklu 11 (2) Ir-Reġistratur għandu jkun mgħarraf kemm bl-avviż tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll bid-deċiżjoni tal-Ministru.*

Irrikomandat li l-membri kollha għandu jieħdu konjizzjoni bis-serjetà ta' dan l-Artiklu.

**11.2 OFFERTI PUBBLIĊI**

**11.2.1** Tressaq ir-rapport tal-Bord tal-Aġudikazzjoni fir-rigward tat-tender FLC/T/1/2019R Electrical Works at King George V Recreational Grounds Floriana.

**<u>08.35 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.</u>**

L-imsemmi bord irrikomanda li dan jingħata lill-offerent ID 120394.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport, issekondata mill-Kunsilliera GD, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

11.2.1.1

11.2.1.2

Favur: 3 (VB, GD, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**11.2.2** Is-Sindku DSH talbet li jinħatar il-bord tal-aġudikazzjoni fir-rigward tat-tender FLC/T/4/2019 Professional Services of a Contracts Manager. Il-membri preżenti unanimament qablu li dan ikun kompost minn DSH bħala Chairperson, MLL bħala segretarja filwaqt li l-Viċi Sindku GD u l-Kunsillieri JP u VB inħatru aġudikaturi.

**11.2.3** Is-Sindku DSH rrikomandat li għal proġett Norwegian Grants, Small Grant Scheme - Improved quality of life of deprived communities in urban localities, għandu jiħatar Project Manager.

Il-membri preżenti unanimament qablu li għandu jinħatar is-Sur Kenneth Brincat. Is-SE għanda tinforma lill-uffiċjal tal-MEUSAC dwar dan.

**11.3 TMIEM IL-LAQGĦA**

11.3.1 Il-laqgħa ntemmet fid-08.50 filwaqt li ġiet aġġornata għall-Ħamis, 5 ta' Diċembru 2019.

**Konfermati, illum 5 ta' Diċembru 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv